MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 74/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Ramon Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar is-26 ta' Frar 2015 fejn din talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, erba' mija u erbghin Ewro u sebgha w hamsin centezmu (€4,440.57) bilanc ghad-debitu fil-*"Consumer Loan Account"* tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A2") flimkien ma'

l-imghax ulterjuri mit-3 ta’ Dicembru 2014 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* giet moghtija lilu permezz ta’ skrittura privata datata 16 ta’ Lulju 2009 (Dok. “B”).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indakata (Dok. “B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Ramon Muscat (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Frar 2014 (Dok. “C”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datata 29 ta’ Mejju 2015, fejn thalliet kopja tal-avviz fl-ghassa tal- Pulizija tal-Imsida w gewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida (fol. 27 tergo).

Rat illi l-konvenut kien ukoll debitament notifikat skond avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-29 ta' Mejju 2015 (fol. 26) u fil-gazzetti lokali 'L-Orizzont' nhar l-10 ta Gunju 2015 (fol. 23)  u 'The Malta Independent' nhar il-11 ta Gunju 2015 (fol. 24).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta Gunju 2015 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx  biex jikkontesta t-talba attrici w ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Semghet lix-xhud Rose Cortis in rappresentanza tal-bank attur tixhed fl-istess seduta tas-17 ta' Gunju 2015 u tikkonferma li d-debitu tal-konvenut ghadu dovut u li fil-mori tal-kawza  il-konvenut m'ghamel l-ebda pagament akkont.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' Bank o Valletta p.l.c. tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas  lis-socjeta' attrici s-somma erbat elef, erba' mija w erbghin Ewro w sebgha w hamsin centezmu (€4,440.57) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2014 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Dicembru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------